Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 53/2025 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: It-Tnejn, 20 t' Ottubru 2025

Ħin: 17:00

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Skużat
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Preżenti
Sur Clayton Portelli Cascun	Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur Nigel Holland	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Skużat
Sur Jason Silvio	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Skużat
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Preżenti
Sur Olaf McKay	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Preżenti
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Skużat
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Skużat
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti

53. 1 Ittri ta' Apoloġija

53.1.1 Il-President semma li s-Sur Jason Silvio, is-Sur Jorge Grech, Is-Sur Neil Attard, is-Sur Wayne Aqulina u s-Sur Marco Agius talbu li jkunu skużati għal din il-laqgħa peress li kellhom impenji personali. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Clive Pulis, il-Kumitat qabel sabiex ikunu skużati mil-laqgħa.

53.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.52

53.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 52 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Nigel Holland, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

53.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 46

53.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Clayton Portelli Cascun u s-Sur Clive Pulis ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-23 ta' Settembru 2025 u l-20 t' Ottubru 2025 li kienet tammonta għall-€391,455.21.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

53.4 Punti maħruġa mill-Minuti tal-Laqgħa Nu. 51

53.4.1 Skema Reġjun Port

Il-President semma li b' referenza għall-iskema imħabbra mir-Reġjun kienu daħlu 2 sottomissjonijiet:

- Kunsill Lokali Floriana propona li kien ser juża dawn il-fondi sabiex jitella' kunċert tal-mużika sagra.
- Kunsill Lokali Valletta propona li dawn il-fondi ser ikunu qed jużahom sabiex jagħmel dekorazzjinijiet tal-Milied f' żoni li ma jiġux iddekorati mill-Gvern Ċentrali.

Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Clive Pulis kien hemm qbil li dawn il-proposti għandhom ikunu milqugħha. Filwaqt li l-President fakkar li Kunsilli li għaddhom ma sottomettewx l-appilkazzjoni għandhom jagħmlu dan mill-aktra fiss possibbli.

53.4.2 Proġett Integrarti

Il-President semma li dan il-proġett kien wieħed ta' suċċess. Semma li ser ikun hemm l-għeluq finali tiegħu matul ix-xhar ta' Novembru.

53.4.3 Reġjun tal-Kultura 2026

Il-President semma li kemm id-Direttur Artistiku kien beda bil-laqgħat mal-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun. Semma li qed ikun imfassal pjan ta' ħidma sabiex dan ikun jista' jibda minn Jannar 2026. Semma li l-ftuħ uffiċjali ser ikun qed jinżamm fit-tieni ġimgħa ta' Jannar u r-Reġjun ser jara li jinvolvi l-lokalitajiet kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-ftehim mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali kien għadu ma ġiex iffirmat peress li ma kienux ingħtaw data. Semmiet ukoll li fil-jiem li ġejjin ser tkun qed tara li jkomplu jinkitbu r-rikjesti ta' sejħiet li għadna bżonn sabiex is-sena kulturali tkun waħda mhux biss ta' suċċess imma li tħalli wkoll impatt għar-residenti tar-Reġjun.

53.4.4 Skema ta' Bike Racks minn TM

Il-President semma li r-Reġjun kien beda l-proċess mal-Perit sabiex isiru l-pjanti rikjesti minn TM.

53.4.5 Mandat ta' sekwstru – ex-Segretarju Eżekuttiv

Il-President semma li dan għadu pendenti għaliex l-avukat ma kienx għadu ikkomunika mar-Reġjun.

53.5 Komunikazzjoni mill-President

53.5.1 Ġbir ta' skart imħallat

Il-President semma li matul l-aħħar kwart tas-sena kienu ser jitħalsu l-kontijiet pendenti li jridu jitħalsu lil Wasteserv. Semma li dawn ser ikunu qed ikopru tipping fees imma mhux il-kontijiet tar-rejects.

53.5.2 MoU tal-Librara

Il-President semma li kienet saret laqgħa mal-Malta Libraries flimkien mal-President tal-Assoċjazzjoni sabiex jiġu kjarifikati ċerti klawżoli fosthom li jekk il-Kunsill joħroġ sejħa għal-librar dan m' għandux ikun impjegat bħala librar mal-Kunsill imma bħala part-time self-employed.
Is-Sindki preżenti semmew li l-ftehim qed jorbot ukoll lill-Kunsill biex jagħmel risk assessment u insurance fost spejjeż oħrajn. Semmew li d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali għandha tara li tiżdied l-allokazzjoni finanzjarja sabiex tkopri dawn l-ispejjeż.
Is-Sur John Boxall semma li huwa ma jaqbilx li Kunsill għandu jħallas imma għandu jkun ikkumpensat li qed joffri spazju b' xejn lil Malta Libraries.
Il-President semma li għalissa l-ftehim ser ikun sospiż.

53.5.3 URBACT

Il-President talab lis-Sindki jiddeċiedu jekk jixtiequx li l-info session issir waqt il-laqgħa jew f' laqgħa adhoc. Is-Sindki semmew li din is-sessjoni għandha issir online sabiex għaliha jkunu jistgħu jattendu kemm huma kif ukoll is-Segretarji Eżekuttivi u ħaddiema peress li ssir matul il-jum.

53.5.4 Kitba fuq is-swar tar-Reġjun

Il-President semma li l-laqgħa bejn il-kittieb u d-direttur artistiku kienet għadha pendenti.

53.5.5 LESA

Il-President semma li minkejja li f' laqgħat preċidenti kien deċiż li ma jinxtrawx aktar affarjiet għat-tribunal qabel il-LESA tati rimborż tal-ispejjeż għas-sena 2024 u tati wkoll triq 'l quddiem b' addendum jew ftehim kif ir-Reġjun ser ikun rimborzat għas-sena 2025, ir-Reġjun ma kienx ser jagħmel l-ebda nefqa oħra.
Il-Presdient semma li wara komunikazzjoni mill-LESA li kienu ser iħalsu l-ammont dovut tas-sena 2024 kif ukoll konferma bil-miktub li ser ikunu wkoll qed jirrifondu l-ispejjeż għas-sena 2025, huwa ingħata parir li jisospendi d-deċiżjoni li ma jixtrilhom xejn iktar. Minkejja li jidher li r-Reġjun issospenda kull miżura, il-LESA bagħqet ma onoratx l-obbligi tagħha għaldaqstant il-President propona li ma jinxtara xejn iktar sakemm tkun riżolta l-problema. Kien hemm qbil unanimu li r-Reġjun għandu jżomm mad-direzzjoni li kien ħa.
Għladaqstant il-President semma li kien ser iħallas biss is-salarji relatati mal-operat ta' Tribunal, għaliex dawn kienu qed jiġu rimborzati fil-ħin mil-LESA u għalhekk ma kienx hemm problemi fuqhom.

53.5.6 Belish Lights

Il-President semma li ħarġet komunikazzjoni minn Transport Malta li jekk ikun hemm Belish Lights bil-ħsara, sakemm

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

titranġa, waqt li qed isir ix-xogħol fuqha l-Kunsill għandu jġib gwardjan lokali jew pulizija sabiex jassigura s-saħħa u s-Sigurta' tan-nies.

53.5.7 Riklamar - LovinMalta

Il-President semma li kien hemm kwotazzjoni ta' pakkett ta' riklamar li kien fuq sena u li kien jinkludi kemm intervisti, stories, reels u anki materjal promozzjonali. Il-President semma li din tkun opportunita' tajba li jittieħdu dawn ir-riklami anki minħabba r-Reġjun tal-Kultura. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Clayton Portelli Cascun kien hemm qbil li dan is-servizz li kien ġej jiswa mmadwar €5,000 ġie approvat.

53.6 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għat-Tielet Kwart tas-Sena 2025

53.6.1 Wara spjega mis-Segretarju Eżekuttiv, fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Olaf McKay ġie approvat ir-Rapport Finanzarju hekk kif preżentant.

53.7 Aġġornament

53.5.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-18:30, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 17 ta' Novembru 2025 fil-17:00 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Xlokk

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv